MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2008

Numru. 876/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**Vs**

**Emmanuel Baldacchino**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Emmanuel Baldacchino, iben Matteo u Antonia xebba Baldacchino, imwieled Zejtun, fis-16 ta` April, 1959 u residenti ‘Carman’, Triq is-Swieqi, Swieqi u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 270759 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

1. Talli fl-24 ta` Ottubru, 2003 fil-ghodu fl-inhawi ta` Pembroke bla ordni skond il-ligi ta` awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm u issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` taghha.

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi vjolenza jew b`theddid gieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x`taqsam mal-kariga tieghu.

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka, jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b`hebb, ta` kull xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku jigifieri PC 389 Silvio Bonnici, PC 1273 Mifsud, PC 1060 Muscat fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f`kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli ta` qabel l-Artikolu 95 tal-Kap. 9, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, jigifieri l-PC 389 Silvio Bonnici, PC 1060 Gino Muscat, PC 1273 Klaws Mifsud waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz.

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta` l-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jigifieri PC 389 Bonnici, PC 1060 Muscat u PC 1273 Mifsud jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b`xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom, billi ma halliex lil haddiehor, jew b`xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b`ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-lii, jew b`xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kien jaqa` taht disposizzjonijiet ohra tal-Kap. 9 Kodici Kriminali jew ta` ligi ohra.

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b`xi mod iehor li mhux provdut f`dan il-Kodici, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b`xi mod iehor mhux imsemmi band`ohra fil-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti kienet mitluba li barra tapplika l-piena skond il-ligi tordna l-konfiska ta` l-oggetti ezebiti kif ukoll l-iskwalifika tal-licenzji tal-kacca u l-insib ghall-perjodu ta` mhux anqas minn sena.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Jannar 2004 (a folio 62 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 86, 87, 91, 96, 95, 338(ee), 338(bb) 338(dd) tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-imputat fis-seduta tal-15 ta' Frar 2007 ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat ghat-tielet akkuza u ghall-akkuza l-ohra salv ghall-ewwel akkuza, li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li jistghu jitqiesu bhala assorbiti fit-tielet imputazzjoni. Kif registrata fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat Jason Spiteri wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat il-Qorti tiddikkjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu  hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' akkuza kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza kien incident solitarju u kien anki dovut ghal problemi li kien ghaddej minnhom l-imputat fiz-zmien meta sehh l-incident.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 u 95, 91, 338(ee), 338(bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta tiddikjara lill-imputat hati tat-tieni, t-tielet, il-hames, is-sitt u s-seba akkuza kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sena millum u tikkundannah multa ta' mitejn Ewro (200 €) u peress li l-ewwel u r-raba akkuza ma jirrizultawx pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi tilliberah minn dawn l-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------